**30 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Ġanni Saliba

**Dikjarazzjonijiet Foloz lid-Direttur tax-Xogħol — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — "Employment" — "Gainful Occupation" — Art. 18(2) tal-Att XIV tal-1955.**

*Jekk il-Maġistrat jagħti sentenza bażata fuq l-interpretazzjoni minnu magħmula tal-liġi, u l-Prosekuzzjoni timpunja dik l-interpretazzjoni, l-appell tagħha hu ammissibbli fuq punt ta' dritt. S'intendi, jekk dik l-interpretazzjoni tiġi sostnuta mill-Qorti tal-Appell, allura ma jkunx hemm lok li din il-Qorti tidħol fl-eżami tal-meritu tal-fatti.*

*L-Att Nru. XIV tal-1955 jiddisponi illi kull min, dwar xi haġa taht dak l-Att, jagħti xi tagħrif li jkun jaf li huwa falz f'xi punt importanti, ikun hati ta' reat, u jeħel il-piena preskritta mill-istess Att.*

*Min ikun qiegħed jagħmel fornitura ta' halib, sija pure fi kwantitajiet żgħar, u jkun qed jagħmel dawn il-fornituri bi ħlas, ma jistax jiddikjara ruħu "unemployed", apparti minn jekk dawk il-fornituri kienux qegħdin jirrendulu profitt jew le, jew kienux "a gainful occupation"; u ma jistax jingħad li hu ma kienx qed jagħti informazzjonijiet li kien jaf li kienu foloz, u li dik l-informazzjoni falza kienet tinverti "on a material particular"; għax appuntu l-liġi hi bażata fuq l-eżistenza jew nuqqas ta' "employment".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra Ġanni Saliba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, talli f'Għawdex, fil-11 ta' Diċembru 1958, u qabel din id-data, ta tagħrif lid-Direttur tax-Xogħol li kien jaf li hu falz f'xi punt importanti dwar l-Att nru. XIV tal-1955 tas-Servizz tal-Impjegi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-17 ta' Marzu 1959, li biha ddeċidiet billi ma sabitx lill-imputat ħati tar-reat dedott kontra tiegħu, u konsegwentement ordnat li jiġi liberat; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi mismugħa ġie assodat li mit-13 ta' Marzu 1958 l-imputat qiegħed iforni lill-Gvern bil-ħalib, u dan fi kwantità żgħira ta' xi tnejn jew tliet galluni kull jum. Mix-xhieda ta' Nicola Vella jirriżulta li lill-imputat jiġi mogħti ħlas ta' 4s.7d. kull gallun. Ix-xhud Giorgina Vella, impjegata fil-Labour Office, Fergħa ta' Għawdex, assigurat li, meta hija intervistat lill-imputat fit-28 ta' Novembru 1957 u fil-11 ta' Diċembru 1958, dan weġibha li huwa ma kienx jaħdem u lanqas qala' flus. L-istess ħaġa rripeta Eucaristico Grech, ukoll addett għall-istess Dipartiment, li qal li l-imputat, mistoqsi minnu, irrisponda li ma kien qiegħed idaħħal xejn;

Illi l-imsemmija Giorgina Vella, fit-tieni depożizzjoni tagħha, tat-3 ta' Marzu 1959, fissret li fid-diversi drabi li tkellmet mal-imputat hija kienet dejjem, sat-30 ta' Ottubru 1958, tagħmil'u waħda jew l-oħra miż-żewġ mistoqsijiet, u ċjoè jekk kienx ħadem jew kienx qala' flus; iżda wara l-imsemmija data hija, fuq istruzzjonijiet speċifiċi tas-superjuri tagħha, għamlet lill-imputat tant il-waħda kemm l-oħra mill-imsemmija domandi;

Illi l-imputat, fil-waqt li stqarr li huwa kien iforni mat-tliet galluni ħalib lill-Gvern, żied jgħid li din il-fornitura ma kienetx tħallilu qliegħ, anzi qiegħed imur lura. Qal ukoll li l-imsemmija Giorgina Vella kienet tistaqsieh kienx jaħdem u huwa kien iwieġeb negattivament, iżda qatt ma staqsietu kienx qala' xi flus;

Illi mid-dokumenti eżibiti jirriżulta li l-imputat irreġistra ruħu bħala "unemployed" fiż-17 ta' Novembru 1958, u li baqa' jiddikjara ruħu li hu tali, almenu safejn jidher minn dawn l-istess dokumenti, sal-11 ta' Diċembru 1958. Minn dan ma jistax, għalhekk, jingħad li l-imputat ammetta max-xhud Giorgina Vella li huwa ma qalgħax flus, iżda li ma kienx jaħdem ("unemployed"). U l-kliem tal-imputat, kif riportati minn Eucaristico Grech, "ma qiegħed indaħħal xejn", jistgħu jiftehmu tant f'sens wieħed kemm fl-ieħor;

Illi skond l-art. 5 tal-Att Nru. XIV tal-1955 għandu jkun hemm żewġ reġistri; wieħed għar-reġistrazzjoni ta' persuni diżokkupati, jew li jitqiesu diżokkupati taħt dispożizzjonijiet oħra tal-istess Att, u ieħor għal dawk il-klassijiet ta' nies u skopijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-liġi wara li jiġi konsultat il-Board kostitwit minn dak l-istess liġi;

Illi ma hemmx dubju li l-imputat ġie reġistrat taħt l-Ewwel Taqsima ta' persuni diżokkupati, għax hekk biss ifissru l-kliem "Unemployed Register", li jidhru fuq l-ewwel wieħed mid-dokumenti eżibiti;

Illi l-art. 18(2) tal-imsemmi Att jiddisponi li kull min,

dwar xi ħaġa taħt l-istess Att, jagħti xi tagħrif li jkun jaf li huwa falz f'xi punt importanti ("in a material particular"), jew bi traskuraġni kbira ("recklessly") jagħti tagħrif li jkun falz f'xi punt importanti, ikun ħati ta' reat, u jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn £5 u mhux iżjed minn £100;

Illi, ġa ladarba l-piena kontemplata hija l-multa, dan ir-reat, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa in kuntrarju, għandu jiġi kunsidrat bħala delitt, u mhux sempliċi kontravvenzjoni (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia", 28/10/1946, Vol. XXXII-IV-1937);

Illi fl-imsemmi Att il-leġislatur ma jagħtix definizzjoni tal-kelma "unemployed", għalkemm ma hemmx, u ma jistax ikun hemm, kwistjoni li dettalji fuq jekk persuna hijiex diżokkupata jew le għandhom jitqiesu bħala "a material particular";

Illi definizzjoni li tista' titfa' dawl fuq din il-kwistjoni tinsab fl-inċiż (4) tal-art. 12 tal-Att nru. VI tal-1956 ("National Insurance Act, 1956"), fejn jingħad li persuna ma għandhiex titqies li hija diżimpjegata f'xi ġurnata (a) jekk tkun qegħedha tagħmel xi xogħol ta' qliegħ f'dak il-jum, kemm il-darba (i) tkun tista' ordinarjament tagħmel dak ix-xogħol b'żieda tax-xogħol tagħha tas-soltu wara l-ħinijiet tax-xogħol ordinarji ta' dak l-impjeg, u (ii) il-qliegħ minn dak ix-xogħol għal dik il-ġurnata jkun iżjed minn sitt xelini u tmien soldi (6s.8d.) fil-każ ta' raġel fuq id-19 il-sena kif inhu l-imputat;

Illi l-ipotesijiet l-oħra previsti fl-inċiżi (b), (ċ) u (d) taċ-ċitat artikoli 2 ma għandhomx rilevanza fil-każ preżenti; għaliex, kif deher fit-trattazzjoni, l-imputazzjoni hija bażata fuq il-fatt li Ġanni Saliba kien jipprovdi l-ħalib lill-Gvern;

Illi l-ewwel element stabbilit fl-imsemmi nċiż (4) huwa li l-persuna ma tkunx qegħdha tagħmel xi xogħol ta' qliegħ ("anq gainful occupation"). Kif intqal, l-imputat iddikjara li huwa ma kienx qiegħed jagħmel ebda pro-

fitt, anzi, biex ikun jista' jżomm l-annimali tal-ħalib, qiegħed ibati telf u qiegħed imur lura. Kontra din l-asserzjoni tal-imputat il-Prosekuzzjoni, li fuqha jinkombi l-oneri relattiv, ma ressqet ebda prova. U tabilħaqq, lil-kliem adoperat mill-liġi — "gainful occupation" — għandu jingħata s-sinifikat letterali u ordinarju tagħhom. Wieħed jgħodd li biċċa xogħol ħallietlu l-qliegħ biss meta, wara li jiġu kalkulati l-ispejjeż kollha, tibqa' porzjoni ta' profitt favur tiegħu;

Illi, barra minn dan, ir-reat jista' jissussisti wkoll meta fil-kliem tal-istess liġi, "recklessly furnishes any information which is false in a material particular". Issa, mill-provi mismugħa, fuq ampjament esposti, ma jidherx li, meta l-imputat għamel id-dikjarazzjonijiet kontestati, huwa mexa "recklessly", jew bi traskuraġni kbira; għaliex, anki kieku kellu jingħad li l-fornitura tal-ħalib da parti tiegħu tikkostitwixxi "a gainful occupation", iċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ juru li ma kienx hemm "recklessness", peress li huwa seta' raġjonevolment jaħseb li ma kienx qiegħed jagħmel xogħol ta' qliegħ, u għalhekk jeżula wkoll il-presuppost tad-dolo, meħtieġ f'kull xorta ta' delitt;

Illi kwindi l-imputazzjoni għandha tiġi ritenuta bħala mhix soddisfaċentement pruvata;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li konsegwentement l-imputat, minflok assolt, jiġi dikjarat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kundannat għal piena xierqa skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appellant issolleva l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità (verbal fol. 20);

Ikkunsidrat dwar din il-preġudizzjali;

Ma hemmx dubju li l-Ewwel Qorti nterpretat il-kelma "gainful", billi rriteniet li hemm "gainful occupation" (xogħol ta' qliegħ) biss meta x-xogħol effettivament iħalli qliegħ fis-sens li, wara li jinqatgħu l-ispejjeż, jibqa' profitt;

F'dan is-sens hemm lok għall-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni, li qegħdha appuntu tikkontesta l-korrettezza ta' din l-interpretazzjoni. S'intendi, jekk dik l-interpretazzjoni tiġi sostnuta minn din il-Qorti, allura ma jkunx hemm lok li wieħed jidħol fl-eżami tal-meritu tal-fatti;

Iżda din il-Qorti ma taqbelx, bir-rispett kollu, malinterpretazzjoni tal-Ewwel Qorti, u hi ta' fehma li hi sewwa l-interpretazzjoni li ssottomettiet il-Prosekuzzjoni. Ċertament, l-imputat ma hux qiegħed ifornixxi ħalib lill-Gvern, sija pure bi kwantità żgħira, bi skop filantropiku, imma bl-idea, bl-isperanza u bl-intenzjoni, li jagħmel qliegħ. Il-fornitura ta' ħalib lill-Gvern hi xogħol ta' provvista li jsir għal skop ta' qliegħ, u hu indubbjament potenzjalment produttiv ta' qliegħ. Jekk f'każ partikulari, jew fi żmien partikulari, jew minħabba ċirkustanzi partikulari, fil-fatt ma jħallix qliegħ, b'daqshekk ma jitneħħiex il-karattru tiegħu, insitu fih, ta' spekulazzjoni bi skop ta' lukru; u dak hu biżżejjed biex jikkwalifikah bħala "gainful"; għax "gainful" hu dak ix-xogħol li jsir bi skop ta' profitt, u li normalment, salvi ċirkustanzi speċjali, imissu jirrendi profitt;

Ladarba l-imputat kien qiegħed jagħmel dawn il-fornituri lill-Gvern ta' kuljum, u jdaħħal 9s.2d. meta jforni żewġ galluni, u 14s. 9d. meta jforni tliet galluni, għalhekk ma setgħax jirreġistra ruħu bħala "unemployed";

L-Ewwel Qorti daħlet anki biex tapprezza l-kelma "recklessly". Iżda l-imputazzjoni odjerna kienet bażata fuq l-ewwel, u mhux fuq it-tieni parti tal-art. 18(2) (a) tal-Att XIV tal-1955, fejn hemm kontemplat l-att ta' min jagħti xi tagħrif "li jkun jaf li hu falz" f'xi punt importanti, u ma hemmx il-kelma "recklessly", li hi inveċe postulat tat-tieni parti ta' dak l-inċiż, fejn hu kontemplat l-att

ta' min "recklessly" jagħti tagħrif li jkun falz f'xi punt importanti;

Għalhekk, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tara jekk l-imputat aġixxiex "recklessly", imma kellha biss tara, għall-finijiet tar-reat "kif dedott, jekk l-imputat tax tagħrif li kien jaf li kien falz "in a material particular";

F'dan is-sens, kien hemm ukoll applikazzjoni skorretta tal-liġi, *in vista* tax-xorta tal-imputazzjoni, u għalhekk lok għall-appell;

Issa, meta wieħed, li ma jistax ma jafx li hu stess qiegħed jagħmel dan ix-xogħol ta' provvista ta' ħalib lill-Gvern, jiddikjara ruħu "unemployed", ma jistax jiġi dubitat li hu qiegħed jagħti nformazzjoni li jaf li hi falza, kif lanqas jista' jiġi dubitat li dik l-informazzjoni falsa qegħeda tivverti fuq "a material particular"; għax appuntu l-liġi hi bażata fuq l-eżistenza jew nuqqas ta' "employment";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità;

Tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat ħati skond l-imputazzjoni, u wara li rat l-art. 18(2) tal-Att XIV tal-1955, tikkundanna lill-istess imputat għall-multa ta' £10, titħallas żmien għaxar tijiem mil-lum.